

# IT-TISWIR TA' FUTUR DIĠITALI AKTAR SIKUR

Introduzzjoni għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

[edps.europa.eu](https://edps.europa.eu)






## MIN AĦNA

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (KEPD) huwa l-awtorità indipendenti tal-protezzjoni tad-*data* tal-Unjoni Ewropea responsabbli għas-supervizzjoni tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej.

Aħna nagħtu parir lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej dwar proposti leġiżlattivi u inizjattivi ġodda relatati mal-protezzjoni tad-*data* personali.

Aħna nimmonitorjaw l-impatt ta' teknoloġiji ġodda fuq il-protezzjoni tad-*data* u nikkoooperaw mal-awtoritajiet superviżorji biex niżguraw l-infurzar konsistenti tar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*.



## IL-MISSJONI TAGĦNA

Il-protezzjoni tad-*data* hija dritt fundamentali, protett mil-liġi Ewropea. Id-DPS jiddefendi u jippromwovi l-privatezza tal-individwi u l-protezzjoni tad-*data* fil-ħidma tagħna ta' kuljum.

## IL-VALURI U L-PRINĊIPJI TAGĦNA

### Imparzialità

naħdmu fi ħdan il-qafas leġiżlattiv u ta' politika mogħti lilna, inkunu indipendenti u oġġettivi, u nsibu l-bilanċ it-tajjeb bejn l-interessi inkwistjoni.

### Integrità

inżommu l-ogħla standards ta' mġiba u dejjem nagħmlu dak li hu sewwa.

### Trasparenza

nispjegaw dak li nkunu qed nagħmlu u għalix, b'lingwaġġ ċar aċċessibbli għal kulħadd.

### Prammatiżmu

nifhmu l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tagħna u nfittxu soluzzjonijiet li jaħdmu b'mod prattiku.

# X'NAGĦMLU

L-EDPS għandu erba' oqsma ewlenin ta' ħidma:

- **Superviżjoni u Infurzar:** aħna nimmonitorjaw l-ipproċessar tad-*data* personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej biex niżguraw li dawn jikkonformaw mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*.
- **Politika u Konsultazzjoni:** aħna nagħtu parir lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar proposti leġiżlattivi u inizjattivi relatati mal-protezzjoni tad-*data*.
- **Teknoloġija u Privattezza:** aħna nimmonitorjaw u nivvalutaw l-iżviluppi teknoloġiċi li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* personali.
- **Kooperazzjoni:** aħna naħdmu mal-awtoritajiet superviżorji biex nippromwovu protezzjoni konsistenti tad-*data* madwar l-UE. Il-pjattaforma ewlenija tagħna għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* hija l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Eżempji oħra ta' korpi u aġenziji Ewropej li aħna nissorveljaw huma l-Europol skont [ir-Regolament 2016/794](#), il-Eurojust skont [ir-Regolament 2018/1727](#) u l-EPPO skont [ir-Regolament \(UE\) 2017/1939](#).



IL-MISSJONI TAGĦNA HIJA WKOLL LI NQAJMU KUXJENZA DWAR IR-RISKJI, U NIPPROTEĠU D-DRITTIJET U L-LIBERTAJET TAL-PERSUNI META TIĠI PPROĊESSATA D-DATA PERSONALI TAGĦHOM. AĦNA NIRREAĠIXXU GĦAL KSUR TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA, ILMENTI MINN INDIVIDWI KIF UKOLL NORGANIZZAW SESSJONIJET TA' TAĦRIĠ GĦALL-ISTITUZZJONIJET, IL-KORPI U L-AĠENZJI TAL-UE.





## IN-NIES TAGĦNA



Il-KEPD jagħmel ħiltu biex ilaqqa' flimkien tim diversifikat ta' esperti legali u tekniċi, kif ukoll speċjalisti oħra fil-qasam tagħhom minn madwar l-Unjoni Ewropea kollha, li jaħdmu biex isawru d-dinja tal-protezzjoni tad-*data* u l-organizzazzjoni tagħna.

Dan l-isfond multidimensjonali, kif ukoll il-perspettivi differenti, jippermettulna nirreaġixxu b'mod kreattiv għall-isfidi tal-protezzjoni tad-*data* u nsibu soluzzjonijiet li jkunu ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha kemm hi, speċjalment għal dawk l-aktar vulnerabbli.

Flimkien, l-għan aħħari tagħna huwa li niproteġu d-*data* tal-persuni.



# ĦARSA 'L QUDDIEM

F'dinja konnessa, fejn id-*data* tiċċirkola bejn il-frontieri, is-solidarjetà fl-Ewropa, u internazzjonalment, se tgħin biex jissaħħaħ id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* u biex id-*data* taħdem għan-nies madwar l-UE u lil hinn minnha. L-Istrateġija tal-KEPD għall-2020-2024 tiffoka fuq tliet pilastri: **Il-Previżjoni**, **l-Azzjoni** u **s-Solidarjetà** biex jissawwar futur diġitali aktar sikur, ġust u sostenibbli.

- **Previżjoni:** L-impenn tagħna li nkunu istituzzjoni intelliġenti li tikkunsidra perspettiva fit-tul tax-xejriet fil-protezzjoni tad-*data* u l-kuntest legali, tas-soċjetà u teknoloġiku.
- **Azzjoni:** I-iżvilupp b'mod proattiv ta' għodod għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej biex ikunu mexxejja dinjja fil-protezzjoni tad-*data*. Il-promozzjoni tal-koerenza fl-attivitajiet tal-korpi tal-infurzar fl-UE b'esspressjoni aktar b'saħħitha tas-solidarjetà Ewropea ġenwina, il-kondiviżjoni tal-piżijiet u approċċ komuni.
- **Solidarjetà:** aħna nemmnu li l-ġustizzja teħtieġ li l-privatezza tiġi salvagwardjata għal kulħadd, fil-politiki kollha tal-UE, filwaqt li s-sostenibbiltà għandha tkun l-ixprun għall-ipproċessar tad-*data* fl-interess pubbliku.



edps.europa.eu

In-Netherlands: Weber Shandwick, 2021

© Design: GDandP.com, Weber Shandwick,

EDPS u Unjoni Ewropea

©L-Unjoni Ewropea, 2021

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Print ISBN 978-92-9242-603-3

doi: 10.2804/080990

QT-01-21-006-MT-C

PDF ISBN 978-92-9242-574-6

doi: 10.2804/967718

QT-01-21-006-MT-N



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea



Twitter:

@EU\_EDPS



LinkedIn:

EDPS



YouTube:

European Data Protection Supervisor

Indirizz elettroniku: [edps@edps.europa.eu](mailto:edps@edps.europa.eu)

